MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**VICTOR J. CARUANA COLOMBO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2000

**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**President: L-Imhallef Victor Caruana Colombo LL.D.**

**Citazzjoni: 1258/99**

**Carmel McKay**
vs
**Bank of Valletta plc**

It-Tribunal

Ra c-citazzjoni li tghid hekk:

Peress li l-attur ipprezenta rikors fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, rikors Numru 140/97 fl-ismijiet **Carmel McKay vs Chairman Bank of Valletta p.l.c.** liema rikors gie deciz fit-30 ta' Gunju 1999.
Peress illi inter alia fil-parte decide tas-sentenza, fuq liema kap tas-sentenza l-esponent ghandu s-segwenti aggravji; fi kliem iehor tghid li qed takkolji l-eccezzjoni ta' l-intimat ghaliex huwa minnu li l-esponent jista' jkun sfortunat izda dan mhux sufficjenti minhabba l-fatt li l-esponent irid jipprova li saret diskriminazzjoni kontra tieghu.

Peress illi l-Qorti tghid dawn il-precizi kelmiet "Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga."

Peress illi anke mill-Artikolu 6(1) ta' Att VIII ta' l-1997 dwar it-twaqqif ta' Tribunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

"It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi…."

Peress illi mill-atti tal-kawza, precizament mix-xhieda tas-Sur Hubert Caruana u tas-Sur Rene' Formosa ma tirrisulta l-ebda prova konkreta li mill-168 haddiem li kienu nstabu "irregolari" t-82 minnhom li nzammu mal-Bank kellhom xi kredenzjali ahjar mill-ohrajn.

Peress illi, inoltre ma jirrizultax lanqas mill-atti tal-kawza li hemm xi kriterju jew kriterji validi u oggettivi fuqhiex ibbazaw id-decizjoni taghhom. Anzi jidher bic-car li mill-atti jirrizulta posittivament li ma kien hemm l-ebda kriterju fuq liema uhud mill-"irregolari' inzammu mal-Bank u l-ohrajn le bil-konsegwenza li dawn sofrew tnaqqis fid-dhul taghhom.

Peress illi ghalhekk meta t-Tribunal iddispensa minn dawn il-proceduri billi rrespinga t-talbiet rikorrenti u laqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat, ha zball skjaccanti minhabba l-fatt li mill-atti tal-kawza jirrizulta li dawn il-haddiema kienu kollha fl-istess kategorija ta’ haddiema hekk imsejha “irregolari”, fejn il-Bank xi ftit minnhom iddecieda li jzommhom mieghu, filwaqt li ohrajn gew trasferiti mal-AWTS bil-konsegwenza li dawn sofrew tnaqqis fid-dhul taghhom.

Peress illi jidher bic-car li s-sentenza hija l-effett ta’ zball li jidher mill-atti tal-kawza u dan a tenur ta’ l-Artikolu 811(l) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Peress illi mill-atti jirrizulta illi fil-fatt lill-esponent saritlu distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita fil-konfront tieghu tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Ghalhekk ighid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi din il-kawza billi thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji fl-ismijiet fuq premessi tat-30 ta’ Gunju 1999 u tordna li l-kaz jerga’ jinstema’ mill-gdid.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li tghid hekk:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li mhux minnu dak allegat mill-attur u cioe` li s-sentenza mghotija minn dan l-Onorabbli Bord nhar it-30 ta’ Gunju 1999 fl-ismijiet premessi kienet l-effett ta’ zball fis-sens illi minn l-ebda att ma jirrizulta li saret bi ngustizzja b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita bi hsara ghall-attur u dan kif jirrizulta bl-aktar mod car mill-istess sentenza li minnha qieghda ssir it-talba odjerna oltre d-deposizzjonijiet tax-xhieda rispettiv u dan kif jigi espost f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-rikors numru 140/97 deciz minn dan it-Tribunal fit-30 ta’ Gunju 1999, sama’ s-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati, u jikkonsidra illi:-

1. L-attur qiegħed jitlob ir-revoka tad-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Ġunju 1999 minn dan it-Tribunal fir-rikors fl-ismijiet premessi u r-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors.

2. Fir-rikors imsemmi r-rikorrent, l-attur odjern, ippremetta li qabel is-sena 1987 huwa kien jaħdem fil-maintenance department tal-Bank of Valletta; li wara l-elezzjoni generali ta' l-1987, li fiha nbidel il-Gvern, huwa kien gie trasferit ghall-Iskema tal-Haddiema Awziljari u Tahrig (AWTS); li minkejja dan huwa kien xorta baqa' jithallas mill-Bank of Valletta u baqa' jilbes l-uniformi taghhom; u li bhala rizultat ta' dan it-trasferiment huwa kien sofra ingustizzja billi kellu tnaqqis fid-dhul tieghu. L-attur allura talab li dan it-Tribunal jaghtih rimedju ghal din l-allegata ingustizzja.

3. L-intimat, il-konvenut odjern, irrisponda sostanzjalment li lill-attur la kienet saritlu ingustizzja u l-anqas xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta.

4. Fit-30 ta' Gunju 1999 dan it-Tribunal iddecieda billi cahad it-talba tar-rikorrent billi kkonkluda li l-attur ma kien sofra minn ebda distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita.

5. Fic-citazzjoni odjerna l-attur qieghed jallega li dik id-decizjoni hija l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza, u ghalhekk qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tar-rikors a bazi ta' l-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'din ic-citazzjoni l-attur jipprementti li mill-atti tal-kawza "ma tirrizulta ebda prova konkreta li mill-168 haddiem li kienu nstabu 'irregolari' t-82 minnhom li nzammu mal-Bank kellhom xi kredenzali ahjar mill-ohrajn." Jippremetti wkoll li "ma jirrizultax l-anqas mill-atti tal-kawza li hemm xi kriterji validi u oggettivi fuqhiex ibbazaw id-decizjoni taghhom. Anzi jidher bic-car li mill-atti jirrizulta posittivament li ma kien hemm l-ebda kriterju fuq liema uhud mill-'irregolari' inzammu mal-Bank u l-ohrajn le bil-konsegwenza li dawn sofrew tnaqqis fid-dhul taghhom."

6. L-attur allura jissottometti li l-izball allegat minnu jikkonsisti filli t-Tribunal irrespinga t-talbiet tieghu u laqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut meta "mill-atti tal-kawza jirrizulta li dawn il-haddiema kienu kollha fl-istess kategorija ta' haddiema hemm imsejjha 'irregolari', fejn il-Bank xi ftit minnhom iddecieda li izommhom mieghu, fil-waqt li ohrajn gew trasferiti mal-AWTS bil-konsegwenza li dawn sofrew tnaqqis fid-dhul taghhom."

7. Fid-decizjoni impunjata t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li "r-rikorrent ma pprova ebda distinzjoni indebita." Dik id-decizjoni ma hi l-effett ta' ebda zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Il-procedura prezenti ta' l-attur ghandha minn appell mill-istess decizjoni. Di fatti anki fit-trattazzjoni orali, l-Avukat ta' l-attur issottometta: "Il-haddiema li kienu fil-kategorija tas-Sur McKay ma gewx trasferiti kollha ma' l-AWTS, u ghalhekk hassejna li hemm zball skjaccjanti li jirrizulta mill-atti processwali ..... L-ufficjali tal-Bank ma tawx spjegazzjoni ragonevoli, ma tawx kriterji xjentifici u oggettivi ghal liema raguni kien hemm xi haddiema li baqghu mal-Bank u haddiema ohra li gew trasferiti ma' l-AWTS." Ic-citazzjoni hija fir-realta` forma ta' appell mill-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti maghmulin mit-Tribunal. Fuq dan il-motiv ma tistax bil-ligi tigi akkolta t-talba ghar-ritrattazzjoni.

Ghall-motivi premessi jichad it-talba ghar-revoka tad-decizjoni ta' dan it-Tribunal tat-30 ta' Gunju fir-rikors fl-ismijiet premessi, u ghar-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors.
L-ispejjez jithallsu kollha mill-attur.

Imhallef Victor Caruana Colombo LL.D. Karen Buhagiar
President Dep. Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------